# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/2430

## tat-8 ta' Diċembru 2017

## dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/2/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK ([1]) tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah, (EU BAM Rafah), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż b'mod partikolari d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-7 ta' Lulju 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EU BAM Rafah/1/2015 ([2]) li taħtar is-Sinjura Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.

(3) Fl-4 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1193 ([3]) li testendi l-mandat ta' EUBAM Rafah sat-30 ta' Ġunju 2018.

(4) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EU BAM Rafah/1/2016 ([4]), li testendi l-mandat tas-Sinjura Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah sat-30 ta' Ġunju 2018.

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2017, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur Günther FREISLEBEN bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUBAM Rafah minflok is-Sinjura Natalina CEA mill-4 ta' Diċembru 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Is-Sur Günther FREISLEBEN huwa b'dan maħtur bħala l-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) mill-4 ta' Diċembru 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018.

### *Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EU BAM Rafah/1/2017 hija mħassra.

([1]) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.
([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/1128 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2015) (ĠU L 184, 11.7.2015, p. 16).
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1193 tal-4 ta' Lulju 2017 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 172, 5.7.2017, p. 12).
([4]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1280 tal-11 ta' Lulju 2017 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal- Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2016) (ĠU L 184, 15.7.2017, p. 63).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-4 ta' Diċembru 2017.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2017.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS